

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2018/869

tal-5 ta' Ġunju 2018

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo\***  
**(EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2018)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, (EULEX KOSOVO) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tal-Artikolu 12(2) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO), inkluża d-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-8 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/856 <sup>(2)</sup>, li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK u testendi t-tul ta' żmien ta' EULEX KOSOVO sal-14 ta' Ġunju 2020.
- (3) Fl-20 ta' Lulju 2016, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1207 <sup>(3)</sup>, dwar il-ħatra tas-Sinjura Alexandra PAPADOPOULOU bħala l-Kap tal-Missjoni EULEX KOSOVO għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2016 sal-14 ta' Ġunju 2017.
- (4) Fit-13 ta' Ġunju 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1012 <sup>(4)</sup>, li testendi l-mandat tas-Sinjura Alexandra PAPADOPOULOU bħala l-Kap tal-Missjoni EULEX KOSOVO għall-perijodu mill-15 ta' Ġunju 2017 sal-14 ta' Ġunju 2018.
- (5) Fil-31 ta' Mejju 2018, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sinjura Alexandra PAPADOPOULOU bħala l-Kap tal-Missjoni EULEX KOSOVO għall-perijodu mill-15 ta' Ġunju 2018 sal-14 ta' Ġunju 2019,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-mandat tas-Sinjura Alexandra PAPADOPOULOU bħala l-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) huwa b'dan estiż għall-perijodu mill-15 ta' Ġunju 2018 sal-14 Ġunju 2019.

\* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

<sup>(1)</sup> ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/856 tat-8 ta' Ġunju 2018 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) (ĠU L 146, 11.6.2018, p. 5).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1207 tal-20 ta' Lulju 2016 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (EULEX KOSOVO/1/2016) (ĠU L 198, 23.7.2016, p. 49).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1012 tat-13 ta' Ġunju 2017 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2017) (ĠU L 153, 16.6.2017, p. 27).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ġunju 2018.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---